# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2016

**Kawża Numru 1 (Kost.)**

**Rif. Nru. 59/12JRM**

Fl-Atti tar-Riferenza tat-13 ta' Lulju, 2012, mill-Qorti tal-Maġistrati )Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA** (Spettur Anthony Aġius)

vs

Jean Pierre **BORĠ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju, 2012[1] (sedenti l-Maġistrat Doreen Clarke) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-imputat b'rikors tiegħu tat-23 ta' Marzu 2012, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-kwestjoni kostituzzjonali mqanqla mill-istess imputat fis-sens li, minkejja li huwa

[1] Paġġ. 1 sa 4 tar-Riferenza

kien ilu li ħalla l-kariga ta' direttur ta' kumpannija sa mill-1999 u minkejja li l-fatti kienu magħrufa sa minn bosta snin qabel, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ akkużi kontrih fl-2011, dwar fatti li allegatament seħħew matul l-1998 u l-1999. Huwa jgħid li, minħabba f'hekk, biż-żmien li laħaq għadda għalxejn, mhux sejjer ikun jista' jiddefendi kif imiss il-kawża tiegħu mill-akkużi li tressqu kontrih u dan bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni");

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Awwissu, 2012, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta' nhar l-Erbgħa, 3 ta' Ottubru, 2012, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Awwissu, 2012[2], li biha laqa' għar-Riferenza billi qal li ċ-ċirkostanzi li dwarhom saret ir-Riferenza ma jwasslu għal sejbien ta' ksur u la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Fil-każ tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, dan jgħodd biss għal sitwazzjonijiet fejn il-proċeduri quddiem Qorti jkunu diġà' nbdew. Fil-każ tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-ħarsien mogħti minnu jgħodd minn x'ħin persuna tkun mixlija b'reat, filwaqt li ċ-ċirkostanzi li minnhom jilminta l-imputat jirreferu għal stadju ta' investigazzjoni dipartimentali marbuta ma' ħwejjeġ ta' sura fiskali. Minbarra dan, żied jgħid li biex jitqies jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, jeħtieġ li wieħed iqis il-proċess kollu u mhux biss xi ċirkostanza għal rasha maqtugħa mill-bqija tal-proċediment li jkun. Għalhekk, stieden lill-Qorti tara jekk xi dewmien li l-imputat jilminta minnu kienx dewmien minħabba tnikkir bla bżonn jew jekk kienx wieħed kapriċċuż maħsub biex iġib ħsara lill-imputat;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2013[3] li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imputat fit-13 ta' Awwissu, 2013[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fis-26 ta' Settembru, 2013[5], bi tweġiba għal dik imressqa mill-imputat;

---
[2] Paġġ. 15 sa 20 tar-Riferenza
[3] Paġ. 220 tar-Riferenza
[4] Paġġ. 223 sa 242 tar-Riferenza
[5] Paġġ. 52 – 6 tar-Riferenza

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Frar, 2014[6];

Rat l-atti kollha tar-Riferenza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Qorti Riferenti") għaliex l-imputat jgħid li seħħ jew sejjer iseħħ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni billi l-Kummissarju tat-Taxxa għoġbu jixlih quddiem dik il-Qorti madwar tnax-il (12) sena wara li seħħew il-ġrajja li dwarhom hu jinsab mixli. L-imputat jgħid li x-xiljiet jirrigwardaw kumpannija li tagħha kien direttur u azzjonist u li minnha kien ħareġ bosta snin ilu kemm billi biegħ l-ishma li kellu f'dik il-kumpannija u wkoll billi kien irriżenja minn direttur. It-tressiq ta' akkużi kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'Lulju tal-2011 sejjer iġiblu smigħ xieraq għaliex ma jistax jagħmel id-difiża xierqa tal-każ wara li għadda daqstant żmien u minħabba li ma għandu l-ebda mod li jaċċedi għad-dokumentazzjoni meħtieġa;

Illi fl-imsemmija Riferenza, il-Qorti Riferenti talbet li din il-Qorti tgħid jekk dak li jilminta minnu l-imputat fil-proċediment li għaddej quddiemha huwiex ser iġiblu tassew ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dik il-Qorti qieset ukoll li l-imputat kellu raġuni tajba mad-daqqa t'għajn biex iqajjem dik il-kwestjoni u li d-determinazzjoni tar-Riferenza hija meħtieġa għaliha biex tkun tista' tmexxi l-kawża tal-imputat 'il quddiem bid-determinazzjoni tal-mertu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali bħala msejjaħ f'din il-fażi tal-proċedura tar-Riferenza, jilqa' għall-kwestjoni mqanqla mill-imputat billi ċaħad li fiċ-ċirkostanzi li minnhom jilmenta l-imputat jista' jew sejjer ikun hemm xi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi bħala <u>fatti li jolqtu l-każ</u> ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni bejn l-imputat u l-Prosekuzzjoni. Il-każ jolqot kumpannija bl-isem ta' Sovereign

[6] Paġġ. 261 sa 273 tar-Riferenza

Hotels Limited (li sal-4 ta' Marzu tal-1997[7] kien jisimha Boaz Limited) li tagħha l-imputat kien azzjonist minoritarju, b'ishma ta' klassi partikolari, u kif ukoll direttur, flimkien ma' tliet (3) diretturi oħrajn[8];

Illi minħabba disgwid li nqala' bejnu u d-diretturi l-oħrajn u nuqqas ta' qbil magħhom dwar kif kienu qegħdin jitmexxew l-affarijiet fi ħdan il-kumpannija, l-imputat biegħ l-ishma tiegħu fis-6 ta' Mejju, 1999, lil azzjonist ieħor (ħatnu) u l-għada irriżenja wkoll minn direttur tal-imsemmija kumpannija[9];

Illi f'Novembru tal-2004, id-Dipartiment ħareġ avviż lill-kumpannija (mibgħut lil Ronald Azzopardi) biex jitlob il-ħlas ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali ta' impjegati tagħha għal bosta snin, magħdudin l-1998 u l-1999[10]. Dak l-avviż kien segwit minn ittra uffiċjali mibgħuta fl-14 ta' Jannar, 2005[11], mibgħuta wkoll lill-istess uffiċjal tal-imsemmija kumpannija;

Illi b'kitba li saret fl-10 ta' Ottubru, 2006[12], sar ftehim bejn il-kumpannija u kumpanniji oħrajn (li għalihom deher Ronald Azzopardi) min-naħa l-waħda u d-Dipartiment (li għalih deher Edwin Degiorgio) min-naħa l-oħra dwar il-ħlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali li kellhom jitħallsu b'rati maqbula lid-Dipartiment;

Illi dak il-ftehim ma twettaqx;

Illi f'April tal-2007[13], il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv kemm fil-konfront tal-kumpannija u kif ukoll fil-konfront ta' Ronald Azzopardi personalment;

Illi l-formoli tal-FS3 u l-FS7 li kien għad fadal jitressqu dwar il-kumpannija għas-snin 1998 imtlew u tressqu fl-2000[14], u tal-1999 imtlew u tressqu lid-Dipartiment tard matul l-2008[15];

Illi fit-2 ta' Ġunju tal-2008[16], id-Dipartiment ħareġ l-Aħħar Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris tar-Regoli tal-FSS kontra l-kumpannija dwar bosta snin, imma fih ma tissemmiex l-1998;

---

[7] Dok "SA1", f'paġ. 170 tar-Riferenza
[8] Dok "AFZ", f'paġġ. 126A – 127A tar-Riferenza
[9] Dok "JPB", f'paġ. 159 tar-Riferenza
[10] Dok "CC1", f'paġ. 32 tar-Riferenza
[11] Dok "CC2", f'paġ. 33 tar-Riferenza
[12] Dok "CC5", f'paġ. 39 tar-Riferenza
[13] Dok "CC3", f'paġġ. 35 – 7 tar-Riferenza
[14] Xhieda ta' Stefan Azzopardi f'paġ. 208 tar-Riferenza
[15] Xhieda ta' Catherine Cachia f'paġ. 165 tar-Riferenza
[16] Dok "SA3", f'paġ 199 – 200 tar-Riferenza

Illi sa minn meta l-imputat ħalla l-kumpannija ma saru l-ebda laqgħat bejnu u d-Dipartiment tat-Taxxi u lanqas intbagħtet xi korrispondenza mid-Dipartiment lilu b'rabta mal-pendenzi ta' taxxa li kellha l-istess kumpannija[17];

Illi f'xi żmien matul l-2011, id-Dipartiment tat-Taxxi talab lill-Pulizija Esekuttiva tmexxi quddiem il-Qorti Riferenti kontra l-imputat b'akkużi li, bħala direttur tal-imsemmija kumpannija u relattivament għas-snin 1998 u 1999, naqas li jimla u jibgħat f'waqthom lid-Dipartiment il-Formoli u l-ħlasijiet relattivi msemmija fl-artikoli 23(1) u 23(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti rilevanti taħt l-Avviż Legali 88 tal-1998;

Illi l-Pulizija Eżekuttiva ħarġet it-Taħrika kontra l-imputat fis-7 ta' Ottubru, 2011, bl-ewwel smigħ quddiem il-Qorti Riferenti jinżamm fit-18 ta' Novembru, 2011. L-istess imputazzjonijiet inħarġu wkoll kontra dawk kollha li kienu diretturi tal-kumpannija fis-snin li għalihom l-akkużi jirreferu[18];

Illi fis-smigħ tas-27 ta' Jannar, 2012, l-imputat qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-akkużi mressqin kontrih[19];

Illi fit-23 ta' Marzu, 2012[20], huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti Riferenti li bih qajjem il-'kwestjoni kostituzzjonali' u biex jitlob li dik il-Qorti tirreferi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti;

Illi l-Qorti tat id-degriet tagħha fit-13 ta' Lulju, 2012, u sabet li t-talba tal-imputat ma kenitx fiergħa u vessatorja u laqgħetha billi għamlet ir-Riferenza kif imfissra b'mod ċar f'dak id-degriet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-Riferenza, din il-Qorti ttenni li hija marbuta li tqis il-kwestjoni "kostituzzjonali" skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun qamet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti Riferenti[21], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[22];

---

[17] Xhieda ta' Stefan Azzopardi f'paġġ. 210 – 1 tar-Riferenza
[18] *Ibid.* f'paġ. 215 tar-Riferenza
[19] Verbal f'paġ. 10 tar-Riferenza
[20] Dok f'paġġ. 12 – 14 tar-Riferenza
[21] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243
[22] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5 u Kost. **28.9.2012** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***The Police (Insp. Lawrence Cauchi) vs Nelson Arias***

Illi huwa minħabba f'hekk li huwa mixtieq li riferenza kostituzzjonali ta' Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b'mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[23]. Dan huwa mixtieq biex il-Qorti Kostituzzjonali riferuta jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwestjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-Qorti Riferenti. Imma l-liġi ma tgħidx li r-riferenza ma tkunx tgħodd jekk kemm-il darba d-degriet jew ordni tar-riferenza ma jkunx motivat jew ma jkunx f'forma partikolari. Lanqas ma tgħid li l-Qorti Riferenti trid tiddikjara li l-kwestjoni mqanqla mhijiex waħda frivola jew vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha[24], imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja;

Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti Riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk[25]. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx il-kwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq. Fil-każ tar-riferenza li din il-Qorti għandha quddiemha, jidher li l-Qorti Riferenti impliċitament qieset li l-kwestjoni mqanqla mill-imputat ma kinitx waħda fiergħa;

Illi huwa magħruf li, ladarba tkun saret riferenza lil din il-Qorti, il-'kwestjoni' ma tibqax aktar tal-parti li tkun qajmitha, iżda ssir tal-Qorti Riferenti. Dan ifisser li "*l-'kwestjoni' trid tkun, f'għajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, <u>verament ta' ostaklu</u> għalbiex dik il-qorti tkun tista' tipproċedi 'l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Għalkemm il-kwestjoni tkun tqanqlet mill-parti, <u>bid-deċiżjoni li tirreferiha</u> l-qorti tkun għamlet dik il-kwestjoni tagħha, b'mod għalhekk li l-parti ma tistax in segwitu 'tirtira' l-kwestjoni jew tirtira 'it-talba ... għal riferenza'. Jekk ikun hemm xi ostaklu proċedurali <u>ieħor</u> li minħabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni ma tkunx tista' fi kwalunkwe każ tipproċedi oltre, 'il-kwistjoni' ta' indoli kostituzzjonali ma tibqax waħda li tkun tista' tiġi riferuta lill-Prim'Awla, għax id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tassumi f'dak il-każ in-natura ta' sempliċi eserċizzju akkademiku u mhux deċiżjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun għamlet ir-riferenza <u>fid-determinazzjoni tal-vertenza</u>, determinazzjoni li ma tkun qatt tista' tasal għaliha*"[26];

Illi l-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex hija tħoss li fejn, quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, titqajjem 'kwestjoni' ta' xejra kostituzzjonali jew

[23] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)
[24] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[25] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**)
[26] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Attard et***

konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-'kwestjoni' tkun diġa' tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-'kwestjoni' ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-Qorti li quddiemha titqanqal il-'kwestjoni' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar 'kwestjoni' bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B'dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta' kawżi riferiti;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċiedi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata[27];

Illi fil-każ tal-lum, joħroġ li r-riferenza tinbena biss fuq ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **ir-Riferenza għall-finijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.** Ir-Riferenza ma tiddistingwix xi dispożizzjoni partikolari tal-imsemmi artikolu u għalhekk, din il-Qorti jkollha tistħarreġ l-artikolu kollu safejn rilevanti għar-Riferenza lilha magħmula;

Illi għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif*

[27] Kost. **19.4.2012** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (A.K. Lawrence Cauchi) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et***

*tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata[28]. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[29] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[30];

Illi fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fuqhom l-imputat jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma hu kien tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkużi magħmula kontrih. Kemm hu hekk huwa jibni l-kwestjoni li qajjem quddiem il-Qorti Riferenti biss fuq iż-żmien li laħaq għadda bejn meta allegatament seħħew in-nuqqasijiet u meta nħarġet it-Taħrika mill-Pulizija Eżekuttiva li biha nbdew il-proċeduri kontrih quddiem il-Qorti Riferenti. Il-Qorti tagħraf li t-talba tar-rikorrent ma tirrigwardax is-siwi tal-proċess kriminali u kif qiegħed jitmexxa, għalkemm jidher li, sa dakinhar li kienet saret ir-Riferenza, l-imputat kien qajjem ukoll il-kwestjoni tal-preskrivibilita' tar-reati li tagħhom jinsab mixli. Imma jerġa' jingħad, li r-Riferenza saret u tintrabat biss mal-kwestjoni tad-dewmien li ħa l-Kummissarju tat-Taxxi biex ressqu quddiem il-Qorti Riferenti;

Illi l-kwestjoni tal-applikabilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jidher li ddejjaq il-ħarsien li jagħti l-imsemmi artikolu meta mqabbel mal-ħarsien usa' li jagħti lill-istess jedd għal smigħ xieraq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u din id-distinzjoni hija magħrufa f'bosta sentenzi mogħtija f'dan ir-rigward mill-ogħla Qorti[31];

Illi minħabba li r-Riferenza titkellem dwar l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni b'mod ġenerali, il-Qorti ser ikollha tistħarreġ ukoll il-"fergħa ċivili" tal-imsemmi artikolu. Is-Sub-artikolu (2) tal-Artikolu 39 jgħid li: "*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma*

[28] P.A. (Kost) AE **21.2.2014** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Godwin Muscat*** (mhix appellata)
[29] P.A. (Kost.) LFS **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata)
[30] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***
[31] B'eżempju, Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet***

*mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*";

Illi l-Qorti qiegħda ssemmi dawn id-dispożizzjonijiet minħabba li l-imputat seħaq li, minħabba d-dewmien għall-ħruġ tat-taħrika kontrih min-naħa tad-Dipartiment, huwa ċċaħħad mill-jedd li jkun jista' jiddefendi ruħu fi żmien qrib għal meta seħħew il-ġrajja li dwarhom jinsab mixli. Biex isaħħaħ dan l-argument tiegħu, huwa jgħid li għalhekk, b'riħet l-imsemmi dewmien, tilef il-jedd ta' aċċess għal qorti li tistħarreġ l-eżistenza jew l-estensjoni ta' dritt jew obbligu ċivili. F'dan ir-rigward, l-imputat jistrieħ ukoll fuq is-saħħa ta' deċiżjoni li sabet ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq fejn il-Kummissarju tat-Taxxi dam is-snin biex ħareġ l-avviż ta' rifjut minn denunzja ta' taxxa magħmula minn *taxpayer*[32];

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument tal-imputat ma jreġix fil-qafas tal-proċediment li minnu saret ir-Riferenza tal-lum. Minbarra l-fatt li l-istima u l-avviż tat-taxxa dovuta mill-kumpannija Sovereign Hotels Limited kienet ilha li saret sa minn tal-anqas l-2004 (u allura dik il-kumpannija kellha sa minn dak iż-żmien aċċess għall-organi ġudizzjarji xierqa biex, jekk kien il-każ, tikkontesta l-pretensjonijiet tal-Kummissarju), iċ-ċirkostanzi maħsuba fis-sentenza msemmija mill-imputat jirreferu għal sitwazzjoni fejn id-determinazzjoni tal-Kummissarju tkun ġabet magħha pretensjoni li tnissel kwestjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet jew obbligi ċivili tal-partijiet. Fl-istadju li waslu fih il-proċeduri li minnhom saret ir-Riferenza tal-lum, din il-kwestjoni ma tqumx, għaliex il-jedd ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali tnissel biss mal-ħruġ tat-Taħrika u mhux qabel;

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li, għall-kwestjoni riferuta lilha mill-Qorti Riferenti, jaf ikun hemm il-biżgħa ta' ksur tal-jedd tal-imputat għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi fir-rigward ta' fejn ir-**Riferenza tirreferi għall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ir-Riferenza ma tispeċifikax liema parti minn dak l-artikolu talbet li din il-Qorti tistħarreġ. Madankollu, mill-provvediment tal-Qorti Riferenti joħroġ li dan l-istħarriġ irid isir ukoll fir-rigward tad-dewmien tal-Kummissarju tat-Taxxi biex joħroġ it-taħrika bl-akkużi mressqin kontra l-imputat;

Illi fil-partijiet rilevanti li jgħoddu għal din ir-Riferenza, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li: "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal*

[32] Kost. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***John Geranzi Ltd vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et***

*indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ... (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi. ... (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu; (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, is-subartikolu (3) jrid jinqara flimkien mas-sub-artikolu (1) tiegħu. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[33];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi l-imputat jisħaq li l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ġara minħabba ħames (5) ċirkostanzi[34]. L-ewwel hi li (i) għaddew xejn anqas minn tnax-il (12) sena mid-data ta' meta allegatament seħħ ir-reat li bih jinsab mixli sakemm laqa' n-notifika tat-Taħrika maħruġa kontrih. It-tieni hi li (ii) hu ma kienx jaħti għal dak id-dewmien bl-ebda mod. Fuq kollox, (iii) il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda raġuni biex tipprova tiġġustifika tali dewmien. Iżid jgħid li (iv) sa dakinhar li laqa' t-taħrika tal-Pulizija Eżekuttiva, ma kienx jaf li l-Kummissarju kien qiegħed jallega li kien hemm xi nuqqasijiet jew li kienu sejrin jitnedew proċeduri kriminali kontrih minħabba tali nuqqasijiet. Fl-aħħarnett, l-imputat jgħid li (v) kif ġraw l-affarijiet, tqiegħed fl-impossibilita' li jista' jiddefendi lilu nnifsu kif jixraq u skond il-liġi minħabba li għadda daqstant żmien;

---

[33] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u> (4th Edit, 2006), paġ. 631

[34] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 237 tal-Atti tar-Riferenza

Illi l-Qorti tqis li l-imputat ma jista' bl-ebda mod iwaħħal fil-Pulizija Eżekuttiva għal dewmien biex tieħu l-passi kontrih quddiem il-Qorti Riferenti. Mill-provi ħareġ li l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat l-ittra lill-Pulizija biex jitmexxa l-każ kontra l-imputat (l-hekk imsejħa "*letter to prosecute*") u ftit jiem wara, fis-7 ta' Ottubru, 2011, nħarġet it-Taħrika u l-imputat laqa' n-notifika aktar tard dak l-istess xahar. Jekk, min-naħa l-oħra, bil-kelma 'prosekuzzjoni' l-imputat qiegħed jirreferi għall-proċess meħud mid-Dipartiment tat-Taxxi, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. Huwa minnu li bejn iż-żmien li għalih tirreferi t-Taħrika u meta tnedew il-proċeduri quddiem il-Qorti Riferenti gerrbu bosta snin. Ħareġ ukoll li, matul dak iż-żmien kollu, l-imputat qatt ma rċieva xi komunika jew intima ġudizzjarja dwar il-pretensjonijiet tad-Dipartiment u qatt ħadd minn dak id-Dipartiment ma bagħat għalih biex jitolbu jirregola ruħu. Kull korrispondenza ntbagħtet lill-kumpannija f'indirizz li mhux tal-imputat. Ukoll meta sar xi ftehim, dan sar ma' direttur ieħor, li kontrih ukoll saħansitra l-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ mandat eżekuttiv fil-kwalita' personali tiegħu, minbarra li ħarġu kontra l-kumpannija. Minħabba li l-imputat kien qata' għal kollox kull rabta li seta' kellu mal-kumpannija, il-Qorti ma tiddubitax li ma kienx jaf li l-Kummissarju tat-Taxxi kien għad għandu xi pretensjonijiet kontrih. Fuq kollox, meta nstemgħet ix-xhieda quddiem din il-Qorti, l-ebda xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni ma għaraf jgħid lill-Qorti x'kienet ir-raġuni li l-akkużi kontra l-imputat (u d-diretturi l-oħrajn tal-kumpannija) ħarġu daqstant żmien wara li kienu ġraw l-allegati fatti;

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm jista' jkun il-każ li, fiż-żmien li għadda bejn l-2000 u l-2011, kien hemm bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u l-kumpannija "*contestations*" għall-finijiet tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, din kienet bejn il-kumpannija Sovereign Hotels Limited u l-istess Kummissarju, u mhux bejn il-Kummissarju u l-imputat. Min-naħa l-oħra, huwa miżmum li "*obligations which derive from tax legislation or are otherwise part of normal civic duties in a democratic society do not fall under the notion of 'civil obligations' ... pecuniary interests are claerlu at stake in tax proceedings. However, merely showing that a dispute is pecuniary in nature is not in itself sufficient to attract the applicability of the first paragraph of Article 6 under its 'civil' head. ... The fact that disputes concerning the obligation to pay taxes are not considered to be 'civil' for the purposes of Article 6 leaves, of course, open the question of the applicability of Article 6 to administrative fines, including fines imposed on taxpeyers, under the 'criminal' head*"[35]. Dan huwa wkoll stabbilit minn deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg[36], għalkemm din il-Qorti tagħraf

---

[35] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>Theory & Practice of the European Convention on Human Rights</u> (4th Edit, 2006), §10.2.7.1, f'pp. 528 – 9

[36] B'eżempju, ara Q.E.D.B. **9.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Schouten & Meldrum vs Olanda*** (Applik. Nru. 19005/91) §§ 52 – 5

li f'dan il-qasam tad-dritt hemm nuqqas ta' qbil saħansitra fi ħdan dik il-Qorti wkoll[37];

Illi, għalhekk, il-Qorti trid tqis ir-Riferenza magħmula lilha dwar l-ilment tal-imputat taħt il-fergħa 'kriminali' tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi dan ifisser li biex jibda jitqies il-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jrid ikun hemm 'akkuża kriminali' ("*criminal charge*") li għall-finijiet tal-istess Konvenzjoni ġġorr tifsira awtonoma. F'dan ir-rigward, l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[38]. Imma huwa stabilit sallum b'ċertezza li ma ċċaqalqitx wisq li "*from this 'definition' it follows that Article 6 also applies to the pre-trial phase, but only from the moment a charge has been brought*"[39]. F'dan ir-rigward, il-qagħda hija wkoll stabilita minn deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg[40];

Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "*is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, and end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[41];

Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiża xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"[42]; (ċ) d-

---

[37] Ara, b'eżempju, §§ 8 – 9 tal-Opinjoni minoritarja Q.E.D.B. **12.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ferrazzini vs Italja*** (Applik. Nru. 44759/98)
[38] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[39] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* §10.3.2, f'paġ. 541
[40] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **10.12.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Corigliano vs Italja*** (Applik. Nru. 8304/78) § 34, u Q.E.D.B. **16.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Tejedor Garcia vs Spanja*** (Applik. Nru. 25420/94) § 27
[41] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* (4th Edit, 2006), §10.7, f'pp. 602 – 3
[42] Stephanos Stavros **–** The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77

dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;

Illi, madankollu, kif ingħad aktar qabel, l-ilment tal-imputat u li dwaru l-Qorti Riferenti bagħtet it-talba tagħha lil din il-Qorti ma jirrigwardax il-mod kif qegħdin jitmexxew il-proċeduri quddiem il-Qorti Riferenti, imma kemm ittieħed żmien sakemm inħarġet it-Taħrika, jiġifieri żmien qabel ma kien hemm ix-xilja ("*criminal charge*"). F'dan ir-rigward, il-kwestjoni tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taf il-bidu tagħha biss mill-waqt li nħarġet it-Taħrika kontra l-imputat f'Ottubru tal-2011, u mhux is-snin li għalihom tirreferi dik it-Taħrika[43]. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi l-oħrajn imsemmija mill-imputat ma jistgħux jitqegħdu fuq il-keffa tal-kwestjoni tar-raġonevolezza taż-żmien meħud biex inbdew il-proċeduri kriminali kontra tiegħu, għalkemm jistgħu jkunu ħwejjeġ li l-Qorti Riferenti, hija u tisma' l-każ, tista' żżomm quddiem għajnejha fl-istadju xieraq tal-proċediment;

Illi fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imputat lanqas taħt dan l-aspett tad-dewmien dipartimentali li seħħ sa ma tressaq formalment quddiem il-Qorti Riferenti ma wera li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat li fiha huwa jitlob l-għoti ta' "rimedju"[44]. Il-Qorti ma tistax tqis dawn is-sottomissjonijiet għaliex, kif ingħad qabel, xogħolha huwa li twieġeb għar-Riferenza li tkun saritilha mill-Qorti Riferenti. Ladarba l-proċedura li l-Qorti għandha quddiemha llum hija dik li hi[45] u ma nbdietx b'att imressaq mill-imputat taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti trid tillimita ruħha għat-termini tar-Riferenza u ma tistax tibdel il-funzjoni tagħha bħallikieku l-kawża nfetħet mill-imputat bħala rikorrent[46];

Illi f'dan ir-rigward, li kieku din il-Qorti kellha ssib li seħħ jew sejjer iseħħ ksur ta' xi jedd fundamentali ta' parti f'kawża, jaqa' fuq il-Qorti Riferenti li timxi ma' dak li jkun twieġeb lilha fir-Riferenza tagħha u tagħti hi r-rimedju meħtieġ, magħdud, jekk ikun il-każ, it-twaqqif tal-proċediment li jkun sejjer jitkompla quddiemha;

---

[43] Ara Kost. **30.9.2016** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Anthony Aġius) vs Anġlu Abela*** §33, li tirrigwarda kwestjonijiet li jixbhu lil dawk f'din ir-Riferenza (fejn ukoll, iżda, kien mistħarreġ il-ksur tal-jedd tan-'*ne bis in idem*' li fir-Riferenza tal-lum ma ddaħħlitx)

[44] Paġġ. 238 sa 242 tal-Atti tar-Riferenza

[45] Jiġifieri taħt l-art 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-art 4(3) tal-Kap 319

[46] Kost. **28.9.2012** fil-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***The Police (Ins. Pierre Grech) vs Nelson Arias***

Illi għall-istess raġuni, il-Qorti mhijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet tal-imputat (u lanqas ir-replika dwarhom mill-Avukat Ġenerali) dwar l-effetti tal-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta fuq il-jedd għal smigħ xieraq, bla ħsara għal kull azzjoni li huwa jista' jagħżel li jieħu fir-rigward[47] u bil-mod xieraq disponibbli għalih. Hekk ukoll il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk l-akkużi li bihom jinsab mixli l-imputat humiex reati permanenti jew istantanji, u jekk fil-każ il-wieħed u l-ieħor dawn iġibux ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju, 2012, billi ssib li ma jirriżulta li seħħ l-ebda ksur tal-jedd tal-imputat li jkollu smigħ xieraq u la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex tgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' Ottubru, 2016**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**

**25 ta' Ottubru, 2016**

[47] Ara Kost. **29.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Żahra vs L-Onor. Prim Ministru et***